Avviż Numru CCT 119/11

**Walden u Ettienne Bugeja**
**vs**
**Simon Spiteri u Simon Vassallo – Techstore Ltd.**

Illum 31 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Marzu, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' erba' mija u ħdax-il ewro (€411), rappreżentanti prezz ta' part tal-kompjuter illi ġralha l-ħsara.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta Simon Spiteri biss.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata ta' Simon Spiteri personalment, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara part tal-kompjuter mingħand id-ditta intimata għall-prezz ta' erba' mija u ħdax-il ewro (€411) permezz ta' terza persuna, u din il-part ma kinitx tajba tant illi kellha tinbidel għal tliet darbiet in fila. Għalhekk ir-rikorrenti qed jitlob li jieħu l-flus lura li ħallas għal din il-part.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi l-part inxtrat minn terza persuna u mhux mir-rikorrenti, kif ukoll il-prezz tal-part illi r-rikorrenti qed jixtri huwa dejjem avvanzat minn dak li kien oriġinarjament u għalhekk mhux dovut iħallas daqshekk.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi minkejja li l-part inxtrat minn terza persuna, din inxtrat għan-nom tar-rikorrenti, kif ukoll jinnota illi hija inaċċettabli li part bħal din jiġrilha l-ħsara iktar minn tliet darbiet.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, kontra Techstore Ltd biss u jordna lis-soċjeta' intimata Techstore Ltd tħallas l-ammont ta' tliet mitt ewro (€300), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**